# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

### Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 24 ta' Jannar 2024

**Avv Nru: 202/2017**
**Nru fuq il-Lista: 2**

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601)**

**vs**

**Angele Grima (K.I. 24483G) u Karl Stivala (K.I. 40183M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż datat 20 ta' Lulju 2017[1], flimkien mad-dokumenti hemm annessi, fejn, is-soċjetá attriċi ppremettiet u talbet li l-konvenut jiġu kundannati jħallsuha:

> *s-somma komplessiva ta' seba' telef disa' mija u tletin ewro (€7,930) rapprezentanti danni li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attirici Atlas*

[1] A fol 1 iet seq *tal-proċess.*

*Insurance PCC Limited a favur is-socjeta' assikurattiva Mapfre Middlesea plc, din tal-ahhar fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KRT 165, u dan in segwitu ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fl-24 ta' Marzu 2013 fi Triq il-Parocca, in-Naxxar, fejn kienet involuta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBL 737, propjeta' tal-konvenuta Angele Grima u misjuqa mill-konvenut Karl Stivala.*

*Gara izda li, fil-5 ta' Frar 2014, il-Pulizija Ezekuttiva harget akkuzi kontra l-konvenut Karl Stivala u* ***dan ad insaputa tas-socjeta' attrici*** *[kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u markata bhala* ***Dok. A****] fejn, fost affarijiet ohra, l-imsemmi konvenut Karl Stivala gie akkuzat illi "soqt jew ippruvajt issuq jew kellek kontroll ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBL 737 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew droga" kif ukoll li "soqt, ippruvajt issuq jew kellek kontroll tal-imsemmija vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsmajt tant alkohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt". Il-konvenuti naqqsu milli jizvelaw dawn il-fatti lis-socjeta' attrici kif kienu obbligi jaghmlu skond l-istess polza anke jekk, fil-claim form, iddikjaraw illi "to the best of our knowledge and belief the statement made on this form are true and complete".*

*Di piu', is-socjeta' attrici skopriet illi waqt l-udjenza tat-23 ta' Ottubru 2015, l-konvenut Karl Stivala* ***ammetta*** *l-akkuzi kollha migjuba kontrih, liema ammissjoni regghet giet kkonfermata minnu stess [kopja tal-verbal tal-imsemmija seduta qed tigi hawn annessa u markata bhala* ***Dok. B****]*

*Ghaldaqstant, fuq l-iskorta ta' dawn il-fatti u cirkostanzi hawn fuq premessi u in vista tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza u l-obbligi tal-konvenuti skond l-istess polza, l-imsemmija konvenuti kienu prekluzi milli*

*jinvokawha sabiex ikopru kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi incident, liema kopertura u sussegwenti hlas versu t-terz sar* ***unikarment*** *ghaliex il-konvenuti naqsu milli jizvelaw fatt materjali u ferm rilevanti ghall-ipprocessar tal-claim u dan b'qerq fil-konfront tal-istess socjeta' attrici.*

*Konsegwentement, is-socjeta' attrici qed tirreklama lura minghand l-konvenuti l-ammont ta' seba' telef disa' mija u tletin ewro (€7,930), liema ammont thallas taht premessa illi ma kienx hemm cirkostanzi illi kienu jwasslu ghan-nuqqas ta' kopertura assikurattiva, fatt illi l-konvenuti kienu ben konsapevoli li ma kellux mis-sewwa.*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar 2016 a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali b'effett mis-7 ta' Jannar 2016 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-konvenuta Angele Grima datata 13 ta' Settembru 2017[2].

Rat ir-risposta tal-konvenut Karl Stivala datata 29 ta' Jannar 2019[3].

Rat ix-xhieda tal-konvenut Karl Stivala[4].

---

[2] A fol 12 tal-proċess.
[3] A fol 33 tal-proċess.
[4] Magħmula fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2019 u tibda a fol 37 tal-proċess.

Rat ix-xhieda ta' Glenn Mercieca, rappreżentat tas-soċjetà attriċi[5].

Rat in-nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta) u d-dokument hemm anness[6].

Rat ix-xhieda ta' Maria Dolores Fenech, Assistent Reġistratur fi ħdan il-Qorti Kriminali[7].

Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Karl Stivala[8].

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti kif qabel preseduta datata 2 ta' Novembru 2021[9] fejn ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Karl Stivala fejn tqajmet il-preskrizzjoni kemm taħt l-artikolu 2153 u 2154 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tas-soċjetà attriċi kontenenti affidavit ta' Lyndsey Vella[10].

Rat ix-xhieda ta' John Lentini, rappreżentant tas-soċjetà Mapfre Middlesea[11] u dik ta' WPS 2198 Jennifer Caruana[12].

---

5 Magħmula fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2020 u tibda a fol 55 tal-proċess.
6 Datata 13 ta' Jannar 2019 u tinsab a fol 97 tal-proċess.
7 Magħmula fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2021 u tibda a fol 100 tal-proċess.
8 Magħmula fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2021 u tibda a fol 195 tal-proċess.
9 Din tibda a fol 199 tal-proċess.
10 A fol 213 tal-proċess.
11 Magħmula fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022.
12 Magħmula fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022.

Rat l-assenjazzjoni datata 9 ta' Marzu 2023[13] tal-Onor. Prim Imħallef fejn il-kawżi preċedentement mismugħa minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Nadine Lia ġew assenjati lil din il-Qorti kif issa preseduta.

Semgħet ix-xhieda ta' Angele Grima[14].

Semgħet it-trattazzjoni finali, magħmula mill-avukati tas-soċjetà attriċi u tal-konvenuta ta' Angele Grima (stante in-nuqqas ta' dehra (ripetut) tal-konvenut u l-avukat tiegħu). Dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Jannar 2024 fejn, għar-raġunijiet hemm dettaljati, ġiet miċħuda talba tal-konvenut Karl Stivala sabiex din l-prolazzjoni ta' din is-sentenza tiġi sospiża u sabiex jerġa jinfetaħ l-istadju tal-ġbir tal-provi.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi in suċċint, il-provi f'dawn il-proċeduri kienu s-segwenti. Naturalment, ix-xhieda relattivi għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandhom ukoll l-importanza tagħhom fir-rigward tal-mertu li qiegħed jiġi deċiż illum.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed il-konvenut Karl Stivala. Jgħid li m'għandux jagħti flus għaliex kien għadda ħafna żmien u telaq jgħix barra minn Malta. In kontro-

[13] A fol 272A tal-proċess.
[14] A fol 276 tal-proċess.

eżami jaqbel li kien involut f'inċident stradali fl-24 ta' Marzu 2013. Jaqbel ukoll li kienu ttieħdu proċeduri kriminali kontrih ukoll. Huwa qatt ma mar għand is-soċjetá attriċi biex jinfurmahom b'dan il-fatt, għaliex s-soċjetá attriċi ma kienitx s-soċjetá t'assikurazzjoni tiegħu. Jaqbel li nstab ħati. Dwar il-*claim form* jgħid li filwaqt li l-firma hija tiegħu, huwa kien iffirma il-formola vojta. Imbagħad jgħid li ma jiftakarx kif iffirma l-formola. Jgħid li hu w l-konvenuta l-oħra kienu ħbieb. F'xhieda oħra jerġa jikkonferma li huwa ma infurmax lis-soċjetà attriċi bil-fatt li kien xurban.

Illi xehed ukoll Glenn Mercieca, rappreżentant tas-soċjetà attriċi. Jispjega illi huwa jokkupa l-karga ta' *Assistant Manager* fid-dipartiment tal-*claims*. Jgħid li l-vettura tal-konvenuta, li kienet assikurata b'polza *third party only* magħhom kienet involuta f'inċident fl-24 ta' Marzu 2013. Huma kienu ġew ikkuntattjati mill-assikurazzjoni tat-terza persuna (vittma) u mbagħad wara l-assikurata tagħhom għamlet *claim* uffiċjali. Kien jirriżulta li l-konvenuti kienu aċċettaw it-tort tal-inċident. Snin wara huma ġew infurmati li l-konvenut Stivala kien taħt l-influwenza tax-xorb, u dan meta kienu ġew mitluba jixhdu fi proċeduri kriminali. L-ebda mill-konvenuti ma informahom dwar dan il-fatt. Il-fatt li l-konvenut Stivala kien taħt l-effett tal-alkohol kien ifisser li l-polza ma kienitx tkopri l-inċident. Ġew infurmat fis-7 ta' Marzu 2014. Wara li Stivala nstab ħati, s-soċjetá attriċi bagħtet ittra uffiċjali kontra l-konvenuti, li rrispondew. It-terz (vittma) ġie mħallas.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet Lyndsey Vella, *motor claims executive* mas-soċjetá attriċi. Fl-affidavit tagħha, tispjega li kienet reponsabbli għall-ipproċessar tal-*claim* relattiv. Kienu ġew infurmati bl-inċident mill-assikurazzjoni tal-vettura tal-vittma Mapfre Middlesea plc. Mir-rapport tal-Pulizija ma kienx hemm indikazzjoni li l-konvenut Karl Stivala kien qiegħed isuq taħt l-effett tal-alkoħol. Fit-3 ta' April 2013, l-konvenuta għamlet il-*claim* relattiv, liema formola kienet

ukoll iffirmata minn Stivala. Fid-19 ta' April 2013, sar ftehim dwar ħlas ta' disat elef, tmin mija u tletin Ewro (€9,830) u inżammu l-fdalijiet tal-vettura li ġiet mibjugħa għal elf u disa' mitt Ewro (€1,900). Kien hemm qbil li Karl Stivala kien responsabbli għall-inċident. Fl-20 ta' Mejju 2013 sar il-ħlas. Fit-23 ta' Diċembru 2015, s-soċjetà attriċi saret taf bil-proċeduri kriminali kontra Karl Stivala. Wara dan, is-soċjetà attriċi bdiet tieħu passi legali minħabba ksur tal-kundizzjonijiet, liema passi wasslu għall-proċeduri odjerni.

Illi xehed ukoll John Lentini rappreżentant tas-soċjetà Mapfre Middlesea. Hawn jikkonferma li kien sar il-ħlas min-naħa tas-soċjetà attriċi għaliex din kienet aċċettat it-tort. In kontro-eżami jgħid li ma kienx hemm proċeduri ġudizzjarji sabiex sar il-ftehim u l-eventwali ħlas.

Illi xehdet ukoll WPS 219 Jennifer Caruana li kkonfermat li lill Stivala kien sarlu *breathylser test* l-għassa tal-Mosta għaliex fuq il-post tal-inċident kienet inxtammet riħa qawwija ta' xorb. Ġiet eżebita dokumentazzjoni relattiva.

Illi finalment xehdet ukoll il-konvenuta Angele rima. Hawn tispjega li hija kienet ħabiba tal-konvenut Stivala u li kienu jgħixu flimkien. Fil-ħin tal-inċident hija kienet Għawdex u meta rritornat Malta ġiet infurmata mill-Pulizija dwar l-inċident. Tgħid li ma kienitx taf li kien ħareġ bil-karozza u f'liema stat kien. Ma ġietx infurmata qabel li kien sejjer juża l-vettura. Kien biss fil-għaxija li kienet taf f'liema stat kien Stivala. Mistoqsija mill-Qorti tgħid li kienu f'relazzjoni flimkien. In kontro-eżami taqbel li l-vettura kienet reġistrat f'isimha. Tispjega li fil-għaxija hija ma kienitx ġiet infurmata min Stivala li huwa kien xurban, saret taf wara xi ġranet u wara li kien sar il-*claim*. Meta saret taf b'dan, ma nfurmatx lis-soċjetà attriċi bil-fatt li Stivala kien saq taħt l-influwenza tax-xorb. Lanqas wara li sar il-ħlas ma dehrilha li kellha tinforma lis-soċjetà attriċi.

**Mertu**

Illi permezz ta' din l-azzjoni, s-soċjetà attriċi trid r-rifużjoni tal-ammont minnha imħallas (fuq inkarigu tal-assikurat tagħha) u dan għaliex irriżulta li dak il-ħlas qatt ma kellu jsir minħabba ksur fil-polza t'assikurazzjoni relattiva.

Illi l-konvenut Karl Stivala jiddefendi ruħu billi jgħid li huwa m'huwiex l-assigurat tas-soċjetà attriċi u allura m'għandux post f'dawn il-proċeduri. Rispettosament, din il-Qorti ma taqbilx. Huwa ben aċċettat li soċjetá bħal dik attriċi, f'każijiet bħal dawn, tista' ddur ukoll fuq ix-xufier mhux assigurat[15]. Mill-provi prodotti jirriżulta ampjament ċar li l-istess konvenut kien taħt l-effett tax-xorb meta kkaġuna[16] l-inċident relattiv. Ma jkunx totalment futili jiġi senjalat li, għalkemm l-azzjonijiet kriminali u ċivili huma u għandhom jiġu kkunsidrati bħala separati u distinti minn xulxin, dan ma jfissirx li prova t'ammissjoni fil-

---

[15] F'dan is-sens, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Middlesea Insurance Plc vs Peter Azzopardi *pro et noe*,** (App Ċiv Nru: 712/2008/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2021 fejn ingħad hekk: *"Minbarra dan, huwa rilevanti l-fatt li s-sinistru seħħ tort tiegħu. Kif targumenta s-soċjeta` attriċi, filwaqt li l-obbligu tar-rimbors da parti ta' Canadian Brothers Ltd joħroġ ex contractu mill-polza in kwantu Peter Azzopardi ippermetta lil Carmelo Azzopardi jsuq il-vettura b'polza trial run meta fil-fatt ma kienitx qed tinstaq taħt il-kundizzjonijiet koperti għal trial run, ma jagħmilx sens li l-persuna nnifisha li tkun ikkaġunat l-inċident ma tinkorri l-ebda obbligu ta' rimbors.*" Similment kien ġie deċiż ukoll fis-sentenza klassika fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Ltd vs Joseph Aquilina,** (App Ċiv Nru: 1718/2010/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Frar 2014. F'dik is-sentenza kien ġie raġunat u deċiż hekk: *"Il-fatt li l-polza ma kienitx tkopri appuntu lill-appellata Aquilina ma jbiddel xejn kwantu ghar-relazzjoni guridika bejn l-assikuraturi u listess appellata. Hawnhekk hemm tali relazzjoni guridika in vista li kienet l-istess konvenuta appellata li kkawzat iddannu in kwestjoni u li ghalih ghamlet tajjeb is-socjeta' assikuratrici. Hu ghalhekk li din il-Qorti ma taqbilx ma limsemmigja konkluzjoni li ghaliha wasal it-Tribunal, u kwindi jista jigi dikjarat li l-Qorti qed taqbel massottomissjoni tas-socjeta' assikuratrici li l-appellata Aquilina hi responsabbli lejn l-istess assikuraturi u b'hekk hi ukoll ghandha tigi kkundannata in solidum ma' lappellant Joseph Aquilina biex thallas lura l-ammonti sborsati mill-assikuraturi bhala danni sofferti minn terzi. Tirrizulta ukoll ir-responsabilita' solidali bejn it-titolari talpolza u s-sewwieq tal-vettura cioe' bejn iz-zewg persuni li minhabba l-agir taghhom gew miksura l-kondizzjonijiet talistess polza u konsegwentement ikkawzaw danni lillassikuraturi. Inoltre l-kuntratt tal-assikurazzjoni hu essenzjalment ta' natura hummercjali u ghalhekk tiskatta s-solidarjeta'.*

[16] Fuq il-formola relattiva hemm indikat ċar li s-sewwieq kien qiegħda jagħti t-tort lilu nnifsu. Ara dak indikat *a tergo* tad-dokument a fol 42 tal-proċess.

proċeduri penali ma jistgħux ikunu ta' influwenza f'dawk ċivili[17]. Tassew, din il-Qorti taqbel li dik l-ammissjoni iġġib magħha l-konsegwenzi kollha li jridu l-artikolu 693[18] u 694[19] tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-konfront tal-konvenut Karl Stivala[20].

---

[17] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Adrian Agius vs Steve Magro *et,*** (Ċit Nru: 379/2011) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' April 2015 (mhux appellat) fejn ingħad hekk: *"Pero' b'daqshekk ma jfissirx li ammissjoni li saret f'process kriminali ma tistax isservi bhala prova fil-proceduri civili. Din hi konfessjoni. F'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza ta' din il-qorti fil-kawza Joseph Manche' vs Mary Butler et tal-11 ta' Mejju 1957 (Vol. XLI.i.744), fejn gie osservat:- "…. Il-verbal tal-ammissjoni tal-imputazzjoni, li hemm fl-inkartament kriminali, kien jikkostitwixxi prova, mhux bhala prova in sedi kriminali, estensibbli ghallgudizzju civili, imma bhala konfessjoni; bl-istess mod kif kienet tkun producibbli bhala prova konfessjoni bil-miktub maghmula band'ohra, jew anki konfessjoni verbali"* Fuq l-istess vena ssir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Dr. Wilfred Galea *et* vs Violet Debono *et,*** (App Ċiv Nru: 1694/1997/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2006 fejn ġie ritenut hekk: *"Jinghad mill-ewwel li l-appellati ghandhom ragun meta jghidu li ghandu jitqies mhux biss dak li l-konvenuta ddikjarat bil-miktub izda anke dak li l-konvenuta stqarret bil-fomm waqt l-interrogazzjoni li saret mill-pulizija. Meta l-konvenut ikun issokkomba fil-gudizzju kriminali ghax jammetti l-imputazzjoni, tali ammissjoni, fil-kaz ta' gudizzju f'kawza civili ghad-danni, tikkostitwixxi prova, mhux bhala prova in sede kriminali estensibbli ghall-gudizzju civili, imma bhala konfessjoni; jigifieri bl-istess mod kif kienet tkun producibbli bhala prova konfessjoni bil-miktub maghmula band'ohra, jew anke konfessjoni verbali (ara decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Camilleri v. Carmelo Dimech, deciza fit23 ta' Jannar 2002). Tali stqarrija hija prova u b'hekk il-Qorti setghet tikkonsidraha meta giet biex tiddeciedi jekk il-konvenuta kenitx qed tbati minn xi deluzjoni dwar l-attrici u dak li akkuzata bih."*

[18] Dan jgħid hekk: *Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha.*

[19] Dan jgħid hekk: *L-ammissjoni magħmula barra mill-qorti ma tagħmilx prova ħlief kontra l-parti li tagħmilha.*

[20] Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Adrian Vella *et* vs Jasmine Azzopardi,** (Rik Maħluf Nru: 102/2020) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Ottubru 2022 (mhux appellata) fejn intqal hekk: *"38. Tassew, meta wieħed ikun ħareġ tellief fil-ġudizzju kriminali billi ammetta limputazzjonijiet miġjuba kontrih, tali ammissjoni tista' tintuża bħala prova f'kawża ċivili għad-danni għaliex din tissarraf f'konfessjoni daqslikieku saret bil-miktub jew bil-fomm band'oħra (ara Carmelo Camilleri v. Carmelo Dimech, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' Jannar, 2002, Francis Xuereb pro et noe v. Kontrollatur tad-Dwana, Appell Inferjuri, 10 ta' Ottubru, 2005, Dr. Wilfred Galea et v. Violet Debono et, Appell Superjuri, 27 ta' Jannar, 2006 u Joseph Grech v. Charles Sciberras nomine, Appell Superjuri, 3 ta' April, 2009); 39. Huma miżmum fil-ġurisprudenza li ammissjoni bħal din trid tingħata l-piż u lkonsiderazzjoni ġuridika meħtieġa. Dan jinsab imsaħħaħ fl-artikoli 693 u 694(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn huwa provdut li kull ammissjoni ta' fatt, anke jekk magħmula barra mill-qorti tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha u kontra 12 tagħha biss (ara Melita Cable plc v. Godfrey Farruġia et, Appell Inferjuri, 14 ta' Lulju, 2004). Tabilħaqq, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija r-regina probationum u biżżejjed biex*

Illi b'hekk, ċertament, l-istess konvenut ma jistax jaħrab mill-obbligu tiegħu li jħallas l-ammont hawn indikat.

Illi naturalment il-pożizzjoni tal-konvenuta Angele Grima hija waħda differenti. Minn eżami tal-eċċezzjonijiet tagħha, jidher li l-istess konvenuta qiegħda tiddefendi ruħha billi tgħid li hija ma kienitx involuta fl-inċident. Dan l-argument huwa wieħed ħażin għaliex ir-relazzjoni bejn is-soċjetá attriċi u l-konvenuta hija dik kuntrattwali, emerġenti mill-polza. Il-fatt li ma kienitx hi s-sewwieqa, sa fejn jirrigwarda din l-eċċezzjoni, m'għandu x'jaqsam xejn[21].

Illi mill-provi prodotti, għal din il-Qorti, jirriżulta ċar li l-konvenuta naqqset mill-obbligu tagħha li tiżvela kull fatt materjali lis-soċjetà attriċi. Din il-Qorti ma temminx il-verżjoni tal-konvenuta li hija ma kienitx taf bl-istat li kien Stivala fil-

---

*il-każ jingħalaq (ara Carmelo Bonniċi nomine v. Ronald Farruġia et, Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970 u Kimberley Joy Aġius v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali, Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2010);".*

[21] Fost diversi, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit *pro et noe* vs John Mifsud *et,*** (App Ċiv Nru: 2256/1998/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-1 ta' April 2005 fejn ingħad hekk : *"Għalkemm huwa veru li din il-kawża ma kienitx tiġi fis-seħħ li kieku ma seħħx l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni, madankollu wieħed għandu jiddistingwi bejn id-diversi relazzjonijiet li nħolqu bħala riżultat ta' l-istess inċident awtomobilistiku. Fl-ewwel lok hemm ir-relazzjoni bejn George Mifsud u Emanuel Cardona, relazzjoni li hija bażata fuq ħtija akwiljana jew delittwali. Fit-tieni lok hemm ir-relazzjoni bejn Cardona u s-soċjetà appellata, liema relazzjoni toħroġ ex lege, ċioè toħroġ mill-Artikolu 10 ta' l-imsemmi Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Fit-tielet lok, imbagħad, hemm ir-relazzjoni li qegħda tiġi eżaminata f'din il-kawża, ċioè r-relazzjoni bejn is-soċjetà assigurattriċi appellata u l-assigurat tagħha, ċioè l-appellanti, liema relazzjoni hi evidentement bażata fuq inadempjenza kontrattwali da parti ta' l-istess appellanti. Konsegwentement għalkemm huwa veru li d-danni fl-inċident awtomobilistiku in kwistjoni ma ikkawżahomx l-appellanti, però xorta waħda huma danni sofferti mis-soċjetà appellata minħabba li huwa naqas li josserva skrupolożament l-obbligi tiegħu naxxenti mill-kuntratt ta' assigurazzjoni bejnu u bejn is-soċjetà appellata. Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant ma jistax jintlaqa'.* Isir ukoll aċċenn għas-sentenza fl-ismijiet **Elmo Isurance Ltd vs John Sammut *et,*** (Avv Nru: 201/2017) mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-3 ta' Lulju 2023 (mhux appellata), liema sentenza saret referenza għaliha mill-abbli difensur tas-soċjetà attriċi fit-trattazzjoni tagl-għeluq.

ħin tal-inċident. Fil-veritá, anke fuq il-pedana tax-xhieda, il-konvenuta kienet ferm riluttanti sempliċiment sabiex tiżvela li hija ma kienitx sempliċiment ħabiba ta' Stivala iżda li dawn kienu f'relazzjoni. Ma titwemminx il-konvenuta li hija saret taf wara diversi ġranet, anke għaliex ir-rapport tal-inċident[22] jindika kemm il-fatt tat-test tal-alkoħol u l-ammont. Huwa ċar li din kienet ħadma mill-konvenuti sabiex b'qerq, jippruvaw jutilizzaw koperta t'assikurazzjoni meta kienu jafu li l-istess ma kienitx tkopri dan l-inċident. Kien id-dover tal-konvenuta li tinforma b'dan kollu lis-soċjetà attriċi, u mhux tipprova tagħmel gwaddan qarrieqi a skapitu tal-istess soċjetá. L-obbligu tal-*uberrimae fides* japplika b'mod totali għal dan ix-xenarju. Filwaqt li, potenzjalment, il-konvenuta ma kienitx a konoxxenza tal-istat ta' Stivala dak il-ħin li marret fuq il-post, huwa ovvju li kienet saret taf b'dan sakemm wasslet id-data tal-ftehim bejn is-soċjetá Mapfre MiddleSea u mbagħad dik tal-eventwali ħlas. Kellha kull opportunità li tinforma lis-soċjetà attriċi b'dak li ndubjament kienet ġiet a konoxxenza tiegħu.

Illi finalment, l-ammont mitlub ġie ppruvat sodisfaċentement bil-provi mressqa. B'hekk jiġi li l-konvenuti għandhom jiġu dikjarat debituri solidali tas-soċjetà attriċi.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-vertenza billi:

1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenut Karl Stivala.
2) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta Angele Grima
3) Tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* iħallsu lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' sebat elef, disa' mija u tletin

[22] Ara dokument a fol 264 tal-proċess.

Ewro (€7,930), bl-imgħax legali mit-13 ta' Jannar 2016[23], sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuti.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[23] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali lil Angelle Grima kif jemerġi mit-timbru relattiv *a tergo* ta' fol 83 tal-proċess. Peress li l-konvenuti qiegħdin jinstabu responsabbli *in solidum* tgħodd l-ewwel data ta'notifika u dan kif irid l-artikolu 1098 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.